ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 60 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 5 ta' Marzu 2013, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur J.M. Abdilla |
| Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Angelo Attard |
| | Is-Sur Alan Picco |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

## Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Frar 2013;
   b) Skeda ta' Ħlas Frar 2013;
5. Il-*Playing Field*;
6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

ĦAL GĦAXAQ

1. **<u>Minuti</u>**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 59 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **<u>Tagħrif mill-Minuti</u>**

Dwar l-applikazzjoni tal-MEPA PA 00327/13 dwar xi tibdil fil-faċċata tal-pastizzeria FourT's Wesgħa ta' Bir id-Deheb k/m Triq it-Terħa, il-Kunsill kiteb ittra kif kien ġie deċiż. Sadanittant il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA fejn infurmatna li il-Kunsill jiġi mistieden meta tkun ser itttieħed id-deċiżjoni dwar din l-applikazzjoni.

Saru l-applikazzjonijiet għall-lampi li ġew approvati waqt l-aħħar laqgħa.

Wara li s-Sur Joseph C Azzopardi ġie irringrazzjat tal-kontribut li ta l-Kunsill, irċevejna risposta mingħandhu fejn qal li xtaq iselli għal kulħadd u kien pjaċir tiegħu li ħadem ma kulħadd.

3. **<u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment infurmaw dwar Memo 5/2013 – fejn bagħatu jinfurmaw li l-Uffiċċji Amministrattivi tar-Reġjuni u tal-Kunsilli Lokali għandhom jinżammu magħluqa nhar id-9 ta' Marzu 2013.

2. Mingħand St Benedict College, Għaxaq Primary irċevejna e-mail fejn dawn urew ix-xewqa li waqt ċerimonja ta' preżentazzjoni s-Sindku jippreżenta ktieb sponsorjat mill-Kunsill.

3. Irċevejna żewġ kwotazzjonijiet għan-net ħadra għal madwar il-ground mingħand:
   389 Co. Ltd din kienet ta' €4.00 VAT inkluża kull metru kwadru mingħajr twaħħil.
   240 Ltd. din kienet ta'€4.00 VAT mhux inkluża kull metru kwadru.
   Wara diskussjoni ġie deċiż li din in-net tinxtara mingħand 389 Co. Ltd.

ĦAL GĦAXAQ

4. Mingħand il-Perit Pierre Sapiano irċevejna il-kummenti dwar l-Appell ta' Villa Mekrech.

5. Irċevejna il-kont tal-*Playing Field* mingħand il-Perit Aaron Abela għal ammont ta' €60,428.86. Ġie deċiż li minn din is-somma jitħallsu €15,000.

6. Irċevejna żewġ kwotazzjonijiet mingħand M. Demajo ta' żewġ pompi €149 VAT. Incl. u oħra €368 VAT incl. u kwotazzjoni oħra għal pompa tad-dawl għal ġol-funtana ta' €70. VAT incl. Kwotazzjoni oħra għal pompa kienet mingħand kumpanija oħra DIG ta' €1255 VAT incl. Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda li l-pompi jinxtraw mingħand M. Demajo għal prezz ta' €149, €368, €70 kif ukoll il-*fittings* għal prezz ta' €20 VAT incl.

## 4. <u>Materji Finanzjarji</u>

a. *Petty Cash*: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul l-ewel hmistax ta' Frar 2013, li kienu jammontaw għal €11.16. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€11.16 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

b. *Skeda ta' Ħlas Frar 2013*: Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Frar 2013 u li jammontaw għal €14,853.10. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. <u>Playing Field</u>

Dwar il-Playing Field, is-Sindku qal li fi żmien ġimgħa x-xogħol għandu jkun lest u staqsa l-Kunsilliera biex isibu isem għal ġnien. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-ġnien jissemma’ “Ġnien il-Kunsill”.

Sar qbil li jinġiebu kwotazzjonijiet tal-*landscaping* mingħand kumpaniji li joffru dan is-servizz.

Wara diskussjoni ġie deċiż li l-ġnien jiġi nawgurat fl-24, ta’ Marzu, 2013, u l-MFA tiġi mgħarrfa dwar dan biex tgħidilna lil min irridu nistiednu. Sar qbil li il-Kunsill jistieden l-Għaqdiet tar-Raħal ukoll.

ĦAL GĦAXAQ

**7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

a. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw żewġ ibnadar ta’ Malta, il-Kunsill qabel.

b. Il-Viċi Sindku qal li hemm il bżonn isir xi ħaġa minħabba d-drenaġġ li hemm l-isfel mil-grawnd minħabba li dejjem ifur. Qal li forsi l-aħjar li tinbidel il-pompa. Is-Sindku qal li din il-kwistjoni qed tiġi diskussa mal-*Water Services Corporation*.

8. Aġġornament

Is-Sindku fl-4:00 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn, 18 ta’ Marzu 2013, fis-2:00p.m.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati:- Tnejn, 18 ta’ Marzu 2013, fis-2.00pm**